**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 406/2022 MS*

**Emmanuel Schembri; Carmelo Schembri; Anthony Schembri; Rosanna Mula; Maria Dolores Fenech; Catherine Formosa; Mikelina Farrugia, u b'digriet tal-5 t'April 2024, stante l-mewt ta' Mikelina Farrugia l-atti f'isimha qed jiġu trasfużi f'isem Maria sive Marica Attard u Salvina sive Elvie Cassar; u Anna Zammit Schembri; u Mary Schembri; Claudia Barbara; Josephine Guntrip; Ephraim Sam Schembri; Franridge Schembri; ilkoll eredi ta' Saviour Schembri**

**Vs.**

**L-Avukat tal-Istat u Charles Schembri u Mary Schembri**

Illum, 25 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fid-29 ta' Lulju 2022 li bih wara li ppremettew kif ġej:

> Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru tlieta (3), 'Redeemer' Triq Gianmari Dalli, Għaxaq, liema fond għadda għand ir-rikorrenti per via di successione mingħand Rosaria Schembri, li mietet fl-għoxrin (20) ta' Jannar 2016, u fejn il-wirt tagħha idevolva fuq ir-rikorrenti hekk kif jidher mill-causa mortis hawn anness u mmarkata bħal **'Dokument A'**.
>
> Illi id-defunta Rosaria Schembri, idevolva fuqha l-wirt tar-raġel defunt tagħha Joseph Schembri li miet fit-fit-tlieta (3) ta' Lulju 1974, u dan kif jidher mill-anness **'Dokument B'**, wara it-testment unica carta datat it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 1965, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia hawn anness u mmarkata bħala **'Dokument C'**.
>
> Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat, hekk kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala **'Dokument D'**.
>
> Illi, b'kuntratt tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju 1984, fl-Atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt, Rosaria Schembri flimkien mar-rikorrenti, kienu ikkonċedew l-fond in kwistjoni f'titolu ta' sub-emfitewsi temporanja ta' wieħed u għoxrin (21) sena, lil Giuseppe Pace u dan versu s-sub-ċens annwu u temporanju ta mija u ħamsin Lira (LM 150), fis-sena paġabli bis-sena l-quddiem mill-ġurnata tal-att hawn anness u mmarkat '**Dokument E'**.
>
> Illi, sussegwentament permezz tal-kuntratt tas-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu 1987, fl-atti tan-Nutar Dottor Gerald Spiter Maempell l-imsemmi Giuseppe Pace biegħ, assenja u traferixxa lil-intimati Carmelo sive Charles Schembri u Mary Ellul is-subutili dominju temporanju għaż-żmien rimanenti minn wieħed u għoxrin sena li kienu bdew jgħaddu mis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju 1984, soġetta għas-sub-ċens anwu u temporanju għaż-żmien li kien fadal ta' mija u ħamsin Lira Maltija, hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala **'Dokument F'**.
>
> Illi din il-konċessjoni sub-emfitertika temporanja għalqet fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) iżda l-okkupanti Carmela sive Charles Schembri u Mary Ellul, peres illi kienu ċittadini Maltin u ordinarjament residenti fil-fond in kwistjoni baqaw jokkupaw id-dar bħala r-residenza ordinarja tagħhom ai termini tal-Att XXIII tal-1979 u konsegwentament ai termini tal-Artikolu 12(7) tal-

Kapitlu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, kellhom dritt jivvantaw titolu ta' kera li togħla skont ir-rata ta' inflazzjoni pero qatt iktar mid-doppju darba kull ħmistax il-sena.

Illi fil-wieħed u tletin (31) ta' Lulju 2006, il-kera tal-fond kienet saret tlett mitt Lira (LM 300) u fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena 2013, il-kera tal-fond saret disa' mitt euro (€900.00), liem kera baqat l-istess sal-illum il-ġurnata.

Illi għalhekk ir-rikorrenti ġew mċaħda mid-dritt ta' użu tal-propjeta' tagħhom minkejja l-iskadenza tat-terminu sub-enfitewtiku b'dan illi kienu soġetti għal-obbligazzjoni li jikru l-fond lil Charles Schembri u Mary Ellul, irrispetivament mit-temporanjeta tal-emfitewsi.

Illi l-kera li r-rikorrenti setgħu jinforżaw, tenut kont l-Att X tal-2008, kienet irrizorja meta mqabbla mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq u l-potenżjal tal-istess u għalhekk l-leġislazzjoni kompliet toħloq sproporzjon lir-rikorrenti skopperti mid-drittiiet fundamentali tagħhom bħala sidien.

Illi dan kollu sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fid-dawl tal-fatt li l-Att XXIII ta' l-1979 li daħal fis-seħħ fil-wieħed ta' Ġunju 1979, fejn ipproteġa mingħajr mistħoq lil inkwili biss sempliċi raġuni li huma ċittadini maltin u jużaw l-fond bħala r-residenza ordinarja tagħhom u dan a skapitu tar-rikorrenti u minkejja l-ftehim sub-emfitewtiku temporanju.

Illi, l-liġijiet viġenti ikawzaw danni lir-rikorrenti, bir-riżultat li vjolaw id-drittijiet kostituzjonali tagħhom, liem leżjoni baqaw isofruha sa' din il-ġurnata.

Illi, ir-rikorrenti ma ingħatawx kumpens xieraq għal-propjeta' tagħhom u saħansitra ġew mċaħħda mit-tgawdija tal-propjeta' tagħhom b'mod furzat, hekk kif ġew sottoposti għal-termini kuntratwali mhux patwiti, hekk kif dan il-kuntratt kien maħsub li ha jiġi terminat wara li jgħaddu wieħed u għoxrin (21) sena mid-data tal-kuntratt. L-unika kumpens li ġie mgħoti lir-rikorrenti ai termini tal-Kapitlu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, kien żieda skont r-rata ta' l-inflazzjoni liem żieda madanakollu qatt ma setgħet taċċedi d-doppju kif stabilit fil-kuntratt oriġinali, liem żieda ċertament ma tirriflettix l-valur lokatizju tal-fond, li kien ferm iżjed mill-kera annwali ta tlett mitt lira (LM300). Sussegwentament, talli kera żdiet bl-inkluzjoni tal-emendi ta' l-Att X tat-2009 u tal-Att XXVII tat-2018, madanakollu dawn iż-żidit kienu irrizjori u leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-antekawza tar-rikorenti u tar-rikorenti nfushom, hekk kif ma kreawx bilanċ bejn, hekk kif ma

ntlaħaqx bilanċ u proporżjonalita bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilina u minħabba f'hekk l-antekawza tar-rikorrenti u r-rikorrenti nfushom, qatt ma ħadu kera ġusta.

Illi għalhekk ir-rikorrenti huma ntitolati ghal kumpens minħabba t-telf fil-kontroll, uzu u tgawdija tal-proprjeta' tagħhom hekk kif huma ma setghux jiehdu lura l-proprjeta taghhom minhabba l-legislazzjoni intavolata bl-Att XXIII ta' l-1979 u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-antekawza tar-rikorrenti u tar-rikorrenti nfushom, hekk kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea.

Illi huma għalhekk ġew privati mill-propjetà tagħhom stante illi skond il-prinċipji stabbiliti mill-Konvenjoni Ewropeja, l-prinċipju tal-legalita jippresupponi li l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-liġi domestika, għandhom ikunu suffiċjentement aċċessibli, preċiżi u li wieħed għandu jistenna fi stat demokratiku fl-applikazzjoni tagħhom u dan kollu, kif diġa ġie determinat fil-Kawżi **Broniowski vs. Poland (GC)** no, 31443/96, 147, ECHR 2004 – **V and Saliba vs. Malta**, no. 4251/02, 31, 8 November, 2005 u **Amato Gauci vs. Malta** – Applikazzjoni No. 47045/06 deċiża fl-15 ta' Stemmebri, 2009.

Illi, l-antekawza tar-rikorrenti u r-rikorrenti jħossu lki fir-rigward tagħhom ġie miksur l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewopeja, hekk kif huma ġew privati, mingħajr  mingħajr ma ngħataw kumpens ġust għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom u ċioe mil-fond tal-fond bin-numru tlieta (3), 'Redeemer' Triq Gianmari Dalli, Għaxaq u għalhekk huma intitolati għal-kumpens.

Illi, madanakollu r-rikorrenti ma' kellhomx rimedju effettiv u ma setgħux jżidu l-kera hekk kif kienu limitati bil-provizjonijiet tal-Kapitlu 158 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali fil-kawża **"Rose Borg vs Avukat Generali et"** deċiża fil-25 ta' Frar 2016 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Lulju 2016" u **'Brian Psaila vs Avukat Generali et'** deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2018 iddeċidiet li meta is-sidien ta' fond iffirmaw konċessjoni emfitewtika temporanja, huma ma setgħu qatt jipprevedu l-piż eċċessiv li kien se jinkombi fuqhom. Huwa għalhekk li l-antekawza tar-rikorrenti u r-rikorrenti ma jistax jigi kkunsidrat illi rrinunajaw

inkondizzjonatament b'mod indefinit u perpetwu ghad-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' taghhom, b'sagrificcju lejn l-interess generali socjali li fir-realta' tali interess m'ghadux ireggi tul il-milja taz-zmien.

Illi r-rikorrenti għandhom jirċievu sia d-danni pekunjarji u dawk non-pekunjarji, kawża tal-leżjoni li soffrew għal-għexiren ta' snin, frott ta' leġislazzjoni inġusta, li kreat żbilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien u dawk tal-inwilini u dan ai temini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.

l-istess rikorrenti għaddew biex talbu lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, jogħġobha:

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li kellhom jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-fatti suesposti bl- operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti ossia l-Artikolu 12 partikolarment l- Artikolu 12(2) u 12A tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront tar-rikorrenti, taw dritt ta' rilokazzjoni indefinita lil Charles Schembri (KI 628162M) u lil Mary Schemrbi (KI 194564M) għall-fond (3), 'Redeemer' Triq Gianmari Dalli, Għaxaq, b'tali mod li ġie reż impossibbli għar-rikorrenti li jirriprendu l-pussess tal-fond (3), 'Redeemer' Triq Gianmari Dalli, Għaxaq proprjeta' tagħhom;

2. Konsegwentement **tiddikjara u tiddeċiedi** illi bil-kontinwa okkupazzjoni tal-fond rendu l-pussess tal-fond, proprjetà tar-rikorrenti, minn Charles Schembri (KI 628162M) u lil Mary Schemrbi (KI 194564M), mingħajr il-ħlas ta' kumpens adegwat u li jirrifletti l-valur tas-suq, u bl-applikazzjoni tal- liġijiet li ppremettew u għadhom qed jippremettu din l-okkupazzjoni, ġew u għadhom qed jiġu vjolati d-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u bl-Artikolu 37 tal- Kostituzzjoni ta' Malta, u b'hekk tagħti lir-rikorrenti r-rimedji kollha li jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni;

3. Konsegwentement **tiddikjara u tiddeċiedi** illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tas-suespost u b'konsegwenza tal-fatt illi l-liġijiet viġenti ma kreawx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilina, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il- valur lokatizju tal-proprjeta' in kwestjoni ai termini tal-Liġi;

4. **Tillikwida** l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Liġi;

5. **Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk likwidati ai termini tal-Liġi, bl- imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament;

6. Tagħti kull ordni u rimedju ieħor xieraq jew opportun ieħor biex tiġi spurgata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif lamentata.

   Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa inġunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-Avukat tal-Istat fid-29 ta' Settembru 2022[1], li biha ġie eċċepit hekk:

1. Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti qegħdin jallegaw li bl-operazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta partikolarment 12(2) u 12(A) fir-rigward tal-fond bl-indirizz (3), 'Redeemer', Triq Gianmari Dalli, Ghaxaq, ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti jridu jġibu prova sodisfaċenti tat-titolu tagħhom għall-fond in kwistjoni. Id-dokument annessi mar-rikors promotur m'humiex kopji awtentici jew vera kopji;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jridu jġibu prova li l-kirja in kwistjoni f'dawn il-proċeduri hi verament imħarsa mill-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll *stante* li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-użu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taħt dan id-dritt fundamentali;

5. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

[1] Fol.54.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur jista' jissustixxi biss wara l-iskadenza tal-konċessjoni emfitewtika li allegatament kienet viġenti sad-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018, cioè, l-1 ta' Awwissu, 2018.

   Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

3. Rat illi l-intimati Schembri, għad illi ġew debitament notifikati[2], ma ppreżentaw ebda risposta u lanqas ma dehru fl-udjenza wara n-notifika tagħhom;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija azzjoni li permezz tagħha r-rikorrenti jilmentaw li nkisru d-drittijiet fondamentali tagħhom bħala sidien tal-fond bin-numru tlieta (3), imsemmi "Redeemer" fi Triq Gianmari Dalli f'Għaxaq (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala «il-Fond»), u dan b'konsegwenza ta' kirja li teżisti favur l-intimati Schembri u li tnisslet bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 12 u 12A tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar[3] (minn issa msejħa biss «l-Ordinanza»). Ir-rikorrenti jgħidu li din il-kirja u d-dispożizzjonijiet tal-liġi li minnhom tnisslet kisru l-jedd fondamentali tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

8. Illi l-fatti rilevanti jistgħu jinġabru kif ġej.

---

[2] A tergo ta' fol.65.

[3] Kapitolu 158 tal-liġijiet ta' Malta.

9. Ir-rikorrenti Emmanuel Schembri, Carmelo Schembri, Anthony Schembri, Rosanna Mula, Maria Dolores Fenech, Catherine Formosa, Mikelina Farrugia (li mietet fil-mori tal-kawża) u Anna Zammit Schembri huma lkoll aħwa u wlied Joseph Schembri u Rosaria xebba Pace. Saviour Schembri kien ħu dawn ir-rikorrenti, iżda miet fil-15 ta' Novembru 2018[4] qabel inbdew dawn il-proċeduri. Ir-rikorrenti Mary Schembri hija l-armla ta' Saviour Schembri, filwaqt li r-rikorrenti Claudia Barbara, Josephine Guntrip, Ephraim Sam Schembri u Franridge Schembri huma wliedu u l-werrieta tiegħu, bis-saħħa ta' testment magħmul fl-atti tan-Nutar Anthony Abela fil-21 ta' Lulju 1997[5]. Bl-istess testment, Saviour Schembri kien ħalla l-użufrutt fuq il-ġid tiegħu lill-martu, fost laxxiti oħrajn.

10. Il-Fond, li ma kienx dekontrollat[6], kien fost il-ġid li kellhom Joseph Schembri u martu Rosaria xebba Pace. Il-Fond kien inbena minn Joseph Schembri fuq art akbar li huwa kiseb matul iż-żwieġ tiegħu ma' Rosaria xebba Pace[7] b'titolu ta' enfitewsi perpetwa b'kuntratt tal-5 ta' Settembru 1962 fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi[8]. Joseph Schembri miet fit-3 ta' Lulju 1974[9] filwaqt li Rosaria Schembri mietet fl-20 ta' Jannar 2016[10], u s-suċċessjoni tagħhom[11] kienet regolata mit-testment *unica charta* konfezzjonat fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia fit-22 ta' Ġunju 1965[12]. B'dan it-testment, huma, wara li ħallew reċiprokament lil xulxin legat t'użufrutt universali fuq il-ġid kollu rispettiv tagħhom, innominaw bħala werrieta tagħhom lill-għaxar uliedhom, u ċjoè l-imsemmija rikorrenti, kif ukoll lil Saviour Schembri u lil binthom Suor Maria Rosangela tal-Ordni tal-Franġiskani fis-seklu Ġużeppa. Jidher li Suor Maria Rosangela tal-Ordni tal-Franġiskani fis-seklu Ġużeppa irrinunzjat għall-eredità t'ommha permezz ta' att riċevut min-Nutar Jean Carl Debono fl-10 ta' Novembru 2016[13] u għalhekk sehmha akkrexxa ma' sehem ħutha[14]. Hija ddonat is-sehem devolut lilha mill-eredità ta' missierha lir-

---

[4] Fol.128.
[5] Fol.132.
[6] Ara fol.40.
[7] Ara fol.87.
[8] Fol.74.
[9] Ara kopja tad-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu, a fol.20, kif ukoll kopja tal-estratt tal-mewt tiegħu, a fol.77.
[10] Fol.122.
[11] Ir-riċerki testamentarji dwar Joseph Schembri huma eżebiti a fol.78-81, filwaqt li dawk ta' Rosaria Schembri xebba Pace huma eżebiti a fol.123-125.
[12] Fol.16.
[13] Fol.126.
[14] Ara kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono fl-10 ta' Novembru 2016, a fol.9.

rikorrenti l-oħrajn b'kuntratt ieħor magħmul fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono fis-16 ta' Ġunju 2020[15].

11. Jirriżulta li b'kuntratt tas-27 ta' Lulju 1984 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt[16], Rosaria Schembri f'isimha proprju kif ukoll bħala prokuratur ta' wliedha, ikkonċediet il-Fond b'titolu ta' subenfitewsi temporanja lil Giuseppe Pace għall-perijodu ta' wieħed u għoxrin sena dekorribbli minn dakinhar tal-kuntratt preċitat, versu s-subċens annwu u temporanju ta' Lm150. B'kuntratt ieħor magħmul fis-26 ta' Marzu 1987 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel[17], Giuseppe Pace u martu Antonia Pace biegħu lill-intimati Schembri is-subutile dominju temporanju li huma kienu kisbu fuq il-Fond.

12. Meta skada t-terminu miftiehem għas-subenfitewsi temporanja, l-intimati Schembri baqgħu jokkupaw il-Fond billi kienu ċittadini ta' Malta u billi l-Fond kien qed jintuża minnhom bħala r-residenza tagħhom. Minflok l-ammont miftiehem ta' subċens, bdiet titħallas kera fl-ammont ta' Lm300. Ir-rikorrenti jgħidu li fit-28 ta' Lulju 2013, din il-kera żdiedet għal €900 fis-sena[18].

13. Irriżulta wkoll illi l-intimati Schembri ma baqgħux jabitaw fil-Fond u għalhekk huma raddewh lura bil-pussess vakanti lir-rikorrenti f'Awwissu tas-sena 2022[19].

Ikkunsidrat:

14. Illi l-Qorti hija sodisfatta mill-provi mressqin mir-rikorrenti dwar it-titolu tagħhom fuq il-Fond. Huwa prinċipju paċifiku llum li f'azzjoni bħal din ir-rikorrent mhux obbligat li jġib prova daqstant rigoruża tat-titolu tiegħu. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Robert Galea vs. Avukat Ġenerali et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 7/2/2017): «*Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaġa li tkun li bih jista' jieqaf għall-pretensjonijiet ta' ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-*

[15] Fol.134.
[16] Fol.41.
[17] Fol.47.
[18] Ara x-xiehda bl-affidavit tar-rikorrent Anthony Schembri, a fol.211, kif ukoll tar-rikorrenti Rosann Mula, a fol.212.
[19] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-intimat Schembri, a fol.225, kif ukoll tal-intimata Schembri, a fol.237.

*pussess tal-ħaġa li tkun*». Hekk, per eżempju, fil-kawża ***Catherine Tabone pro et noe vs. L-Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 27/3/2020) ġiet konsidrata favorevolment bħala prova ta' titolu għal finijiet ta' proċedura bħal din dikjarazzjoni *causa mortis*, liema prova qatt ma tkun ikkunsidrata suffiċċjenti weħidha f'azzjonijiet ċivili dwar titoli fuq proprjetà. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti ġabu provi aktar milli biżżejjed sabiex juru b'mod konkret il-provenjenza tat-titolu tagħhom fuq il-Fond.

15. Bl-istess mod il-Qorti hija wkoll sodisfatta li mill-provi prodotti jirriżulta li l-inkwilini Schembri kellhom titolu protett ta' kera bis-saħħa tal-artikolu 12 tal-Ordinanza, u dan wara l-akkwist tat-titolu ta' subenfitewsi temporanja kif fuq spjegat. Minħabba l-fatt li l-Fond kien okkupat mis-subenfitewti Schembri bħala r-residenza ordinarja tagħhom u peress li huma kienu ċittadini ta' Malta, huma bbenefikaw mill-protezzjoni li kienet introdotta fl-Ordinanza permezz tal-Att XXIII tal-1979.

16. B'din l-azzjoni, ir-rikorrenti qiegħdin jinvokaw kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

17. L-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni jgħid:

> Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –
>
> (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;
> (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u
> (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:
>
> Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed

> pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.

18. Illi din id-dispożizzjoni għalhekk testendi t-tutela tagħha fir-rigward ta' kwalsiasi teħid ta' pussess jew ksib ta' interess jew dritt fi jew fuq proprjetà b'mod obbligatorju. It-tifsira klassika tad-dritt ta' proprjetà hija riflessa fl-artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili[20]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 37 senjatament fid-dawl tat-tifsira ta' «proprjetà» skont il-liġi ċivili tagħna għandha twassal għall-konklużjoni li d-dritt ta' proprjetà, u kull dritt u interess fi jew fuq proprjetà, jinkludu neċessarjament l-użu u t-tgawdija tal-ħaġa. Meta allura l-Istat b'xi mod ikun effettivament u sostantivament qiegħed jieħu mingħand is-sid id-dritt li juża mill-proprjetà tiegħu kif jixtieq u kif irid, ikun ifisser li seħħ teħid tal-pussess fuq dik il-proprjetà, kif ukoll ksib ta' interess jew dritt fi u fuq dik l-istess proprjetà, u dan b'mod obbligatorju.

19. Din l-interpretazzjoni aktar wiesgħa tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kienet imħaddna mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fil-każ ***Vincent Curmi noe et vs. Avukat Ġenerali et*** (24/6/2016) meta għaddiet biex tosserva li: «*...għalkemm il-każ odjern ma jittrattax esproprijazzjoni imma jirrigwardja t-teħid ta' interess fi proprjetà għal skopijiet ta' kirja, dan it-teħid ta' interess tant hu riġidu u wiesa' li fil-prattika jservi sabiex jipprivaw lir-rikorrenti bħala sidien mill-użu u mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom*». Aktar riċentement, il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ***Rebecca Hyzler et vs. Avukat Ġenerali et*** (29/3/2019) osservat dan li ġej:

> Din il-Qorti tosserva li mis-subartikolu 37[1] tal-Kostituzzjoni joħroġ ċar li din id-dispozizzjoni tal-liġi hi maħsuba li tingħata interpretazzjoni wiesgħa permezz tad-diċitatura tagħha fejn il-kliem "interess" u "dritt" ċertament

[20] «*Il-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jagħmilx użu ipprojbit mil-liġi*». Fi kliem awturi kontinentali li dejjem irċevew l-approvazzjoni tal-Qrati tagħna, «*Il diritto di proprietà è anzitutto* assoluto. *Il proprietario ha sulla cosa il potere giuridico più completo,* piena in re potestas. *Egli godrà dunque della sua cosa come vorrà, anchè, se ciò gli aggrada, in modo abusivo, mentre che colui che non ha che un diritto di usufrutto deve goderne come un buon padre di famiglia. Risulta dalla stessa idea che il proprietario non può essere costretto a spogliarsi del suo diritto ... ... ... Come secondo carattere essenziale, il diritto di proprietà è* esclussivo*; il che non è in realtà se non una nuova maniera di manifestare il suo carattere assoluto. Il proprietario si può opporre a che altri tragga dalla sua cosa un utile qualunque, anchè se ciò non gli cagionasse pregiudizio alcuno ... ... ... Già da tempo si è ricondotta l'analisi del diritto di proprieta' a tre elementi: 1.º Il ius utendi, o diritto di servirsi della cosa per tutti gli usi ai quali può prestarsi ... 2.º Il ius fruendi, o diritto di godere della cosa, cioè ricavarne tutti i frutti che può dare ... 3.º Il ius abutendi o diritto di disporre della cosa, sia vendendola, sia consumandola...*» (***Baudry LaCantinerie***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Dei Beni, §§200, 201, 204).

> jolqtu l-każ in eżami. Hu veru li m'hemm l-ebda teħid ta' proprjeta` iżda l-limitazzjoni tat-tgawdija tagħha prinċipalment permezz tal-imposizzjoni ta' relazzjoni kontrattwali ta' kera bejn ir-rikorrenti u l-intimati Vella, kontroll ta' dik il-kera u tal-użu tal-fond għal żmien indefinit, tista' biss issarraf għal kisba mingħajr kumpens tal-interess tas-sid f'dik il-proprjeta` u ta' dritt fuqha għall-fini ta' ntrojtu xieraq jew ta' użu. Huwa f'dan is-sens li żviluppat il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti[21].

20. Riferenza ssir ukoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Louis Vincenti et vs. Maria sive May Herrera et*** (27/1/2021), u għar-rassenja ta' deċiżjonijiet hemmhekk kontenuta. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn id-deċiżjonijiet għar-raġunijiet diġà esposti aktar qabel.

21. Illi issa hija ġurisprudenza kopjuża dik li tqis li dawk il-liġijiet li jipprovdu għall-impożizzjoni ta' relazzjoni lokatizja fuq sidien ta' fondi urbani hija liġi li tfittex li tilħaq skop soċjali fl-interess ġenerali, u li għalhekk minnha nnifisha m'hijiex leżiva tal-jeddijiet fondamentali tal-istess sidien, li huma b'hekk imġiegħla li jkunu lokaturi ta' ħwejjiġhom. Kif osservat issa diversi drabi, l-iskop soċjali li l-leġiżlazzjoni mpunjata f'din il-kawża tippersegwixxi għandu jitqies bħala skop fl-interess pubbliku li jilleġittima l-istess leġiżlazzjoni. Madanakollu, fit-twettiq ta' leġiżlazzjoni bħal din, id-dmir tal-Istat ma jieqafx hemm. Ġie miktub li:

> The Court has broken down Article 1 of the First Protocol into its component parts and has gradually established the relationship between them. Its language has become familiar by frequent repitition. In Sporrong and Lönnroth v Sweden, the Court stated:
>
> [This provision] comprises three distinct rules. The first rule, which is of a general nature enounces the principle of peaceful enjoyment of property; it is set out in the first sentence of the first paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the first paragraph. The third rule recognises that the [contracting] states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by

[21] ***Estelle Azzopardi et vs. Mikelina Said et*** u ***Mikelina Said et vs. Estelle Azzopardi et*** (Qorti Kostituzzjonali, 14/12/2018).

> enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph.
>
> In James v UK, the Court explained the relationship between the three sentences:
>
> The three rules are not distinct in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule.[22]

22. Illi fejn jiġi stabbilit li l-interferenza fit-tgawdija tal-possedimenti kellha bażi legali u leġittima, irid imbagħad jiġi mistħarreġ jekk dik l-interferenza tirrispettax bilanċ xieraq u ġust bejn il-ħtiġiet tal-interess ġenerali tal-komunità u r-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwu. F'dan is-sens huwa spjegat li: «… *the Court assesses the proportionality of the contested measure by determining whether 'a fair balance' has been struck between the interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. This means, in particular, that:* there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions[23]. *Under this head, the Court may examine whether 'an individual and excessive burden' has been imposed on the individual. Where this is the case, there appears to be a strong presumption of a lack of proportionality, which can be refuted only if adequate remedies and procedural safeguards have been available*»[24].

23. Illi huwa proprju f'dan ir-rispett li l-Istat, kif rappreżentat mill-intimat Avukat tal-Istat, falla.

24. Illi l-provi juru li fiż-żmien meta t-tnisslet il-kirja favur l-intimati Schembri bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza, il-Fond kien diġà kellu potenzjal biex iġib kera ferm aktar mid-doppju tas-subċens li kien miftiehem wieħed u għoxrin sena qabel.

---

[22] Ara ***Harris, O'Boyle and Warbrick***, Law of the European Convention of Human Rights, 2nd edition, pġa. 666.
[23] See judgment of 21 February 1986, *James and Others*, A.98, p.34; judgment of 8 July 1986, *Lithgow and Others*, A.102, p. 50; judgment of 9 December 1994, *Holy Monasteries*, A.301-A, p. 34; judgment of 20 November 1995, *Pressos Compania Naviera S.A. and Others,* A.332, p.21.
[24] ***Van Dijk & Van Hoof***, Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Third Edition), §13.4.2.

Hekk kif is-snin bdew igerbu u l-kera pagabbli mill-inkwilini baqgħet sostantivament l-istess, il-valur tal-fond in kwistjoni żdied u baqa' jiżdied b'mod konsiderevoli, u hekk ukoll żdied b'mod konsiderevoli l-valur lokatizju tal-istess fond. Fi kliem ieħor, il-provi juru li r-rikorrenti, u qabilhom Rosaria Schembri li kellha nofs indiviż tal-Fond fi proprjetà u nofs indiviż l-ieħor b'użufrutt, ġew deprivati mit-tgawdija sħiħa tal-fond u minflok, sabiex l-Istat jilħaq l-iskop soċjali leġittimu li jipprovdi akkomodazzjoni residenzjali lill-inkwilini Schembri, tqiegħed piż sproporzjonat fuq is-sidien billi d-deprivazzjoni tagħhom ma saritx versu ħlas ta' kumpens li jista' remotament jitqies adekwat. Dan partikolarment meta wieħed iqabbel il-kera effettivament imħallsa mill-intimati Schembri skont id-dispożizzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 mal-valuri indikati fil-perizja teknika eżegwita fuq ordni ta' din il-Qorti.

25. Dan kollu jfisser allura li l-artikolu 12 tal-Ordinanza, sa fejn kien jagħti lill-intimati Schembri l-fakultà li, kemm-il darba jkunu ċittadini Maltin u jużaw il-fond in kwistjoni bħala r-residenza ordinarja tagħhom mat-tmiem tal-konċessjoni enfitewtika, ikomplu jokkupaw dak il-fond b'titolu ta' lokazzjoni, ma huwiex *ut sic* leżiv fil-konfront tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti. Il-vjolazzjoni ta' dawk il-jeddijiet però tqum minħabba l-fatt li l-leġiżlatur naqas milli jipprovdi mekkaniżmu li permezz tiegħu isseħħ reviżjoni tal-kondizzjonijiet tal-kirja li tkun b'xi mod radikata fuq il-valur tal-fond innifsu. Ir-reviżjonijiet maħsuba fil-Kapitolu 158 huma kompletament distakkati mill-valur tal-fond innifsu, u dawk eventwalment introdotti fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att X tal-2009 huma tant'ieħor awtomatiċi u b'ebda mod ma jirriflettu iż-żieda fil-valur tal-proprjetajiet tas-sidien li huma mġiegħla jilbsu l-libsa ta' lokaturi.

26. Anki fil-kuntest tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi li l-kondizzjonijiet li taħthom jista' jsir teħid ta' pussess jew ksib ta' dritt jew interess fuq jew fi proprjetà b'mod obbligatorju, u kontenuti fil-paragrafi (a) sa (ċ) tal-ewwel subinċiż tal-artikolu 37, ma ġewx osservati. Dan mhux biss għaliex il-ksib obbligatorju ma sarx kontra l-ħlas ta' kumpens xieraq, kif trid il-Kostituzzjoni, iżda wkoll għaliex ir-rikorrenti ma kellhom ebda aċċess għal xi qorti sabiex jiġi determinat kif imiss tali kumpens xieraq.

27. Għalhekk din il-Qorti ssib li tassew kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u qabilhom ta' Rosaria Schembri kif protetti mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

28. Din il-vjolazzjoni baqgħet sejra, fil-fehma ta' din il-Qorti, sal-promulgazzjoni tal-Att XXVI tal-2018 u ċjoè fl-aħħar ta' Lulju tas-sena 2018. Bil-promulgazzjoni ta' dan l-Att, ġie introdott fil-Kapitolu 158 tal-liġijiet ta' Malta l-artikolu 12B li jagħti lis-sid dritt t'azzjoni sabiex, f'każ li jirriżulta li l-inkwilin huwa sprovvist minn ċertu mezzi skont il-limiti stabbiliti f'leġiżlazzjoni sussidjarja, tintalab reviżjoni fil-kera pagabbli mill-inkwilin, liema reviżjoni tieħu bħala bażi tagħha l-valur tal-fond mikri bħala liberu, frank u bil-pussess vakanti. Din l-emenda allura tmur direttament biex tindirizza n-nuqqas ta' proporzjonalità li din il-Qorti sabet li wasslet għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, billi twassal għar-ripreża fil-pussess tal-fond mikri fejn jinstab li l-inkwilin huwa munit b'mezzi u allura ma jistħoqqlux protezzjoni soċjali, jew inkella għar-reviżjoni tal-kirja f'każ li jinstab li l-inkwilin ħaqqu dik il-protezzjoni.

29. Għalhekk il-Qorti qed issib li r-rikorrenti u qabilhom Rosaria Schembri soffrew vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll sa mis-sena 2005, liema vjolazzjoni baqgħet sejra sal-31 ta' Lulju 2018.

Ikkunsidrat:

30. Jonqos biss għalhekk li jiġi likwidat kumpens sabiex jagħmel tajjeb għall-vjolazzjonijiet kkonstatati f'din is-sentenza.

31. Illi llum hija ġurisprudenza assodata dik li tistabbilixxi kif għandhom jiġu kalkolati d-danni pekunjarji f'każijiet bħal dak odjern. Issir riferenza għad-deċiżjoni ***Erika Gollcher et vs. L-Avukat tal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 26/1/2022), kif ukoll għad-deċiżjonijiet ***John Mary Buttigieg et vs. L-Avukat Ġenerali et*** u ***Jeremy Cauchi et vs. Avukat Ġenerali et***, ilkoll mogħtija mill-istess Qorti Kostituzzjonali fl-istess jum, fejn intqal:

> 27. Il-Qorti tkompli billi tosserva illi llum 'il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet issegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-atturi fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-atturi kien jirnexxilhom jżommu l-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollha għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-atturi, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi.

32. Illi l-ammont perċepibbli f'kera skont il-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni kien stmat mill-perit tekniku nominat f'din il-kawża kif ġej:

| **Snin** | **Ammont** |
|---|---|
| | |
| 2005-2009 | €37,955 |
| 2010-2014 | €37,090 |
| 2015-2017 | €26,316 |
| 2018[25] | €5,117 |
| TOTAL: | €106,478 |

33. Illi dan it-total jirrifletti stima għall-kera pagabbli fuq is-suq ħieles għall-**<u>intier</u>** tal-Fond. Issa mill-provi rriżulta li sas-sena 2020, is-sehem ta' wieħed minn għoxrin ($^{1}/_{20}$) kien jappartjeni lil Suor Maria Rosangela tal-Ordni tal-Franġiskani fis-seklu Ġużeppa. Dan però ma jaffettwax il-komputazzjoni tad-danni, għaliex anki dan is-sehem kien soġġett għall-użufrutt favur Rosaria Schembri, li b'hekk kellha l-jedd li tippretendi l-kera kollha kemm hi. Ġie issa deċiż bosta drabi li fejn proprjetà tkun soġġetta għal dritt t'użufrutt, huwa biss l-użufruttwarju li jista' jressaq ilment bħal dak imressaq fil-kawża odjerna[26]. Il-kumpens pekunjarju dovut minħabba l-ksur tal-jeddijiet ta' Rosaria Schembri jispetta interament lill-werrieta tagħha, li huma lkoll rikorrenti f'din il-kawża (ara, per eżempju, id-deċiżjoni ***Avukat Dottor Anna Mallia et vs. Avukat tal-Istat et***

[25] Għal din is-sena qed jitqiesu biss l-ewwel seba' xhur.
[26] Ara, per eżempju, ***Gladys Sant Fournier et vs. L-Avukat tal-Istat et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 12/1/2024).

(Qorti Kostituzzjonali, 4/5/2022), kif ukoll id-deċiżjoni ***Godwin Montanaro et vs. Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 25/1/2023)).

34. Għalhekk mill-ammont totali ta' €106,478 l-ewwel irid isir tnaqqis ta' 30% mbagħad tnaqqis ulterjuri ta' 20% fuq l-ammont riżultanti, għar-raġunijiet spjegati fid-deċiżjonijiet ċitati. Dan it-tnaqqis iġib is-somma ta' €59,628.

35. Illi minn din is-somma mbagħad irid isir tnaqqis finali daqs l-ammont ta' kera li r-rikorrenti, u l-awtriċi fit-titolu tagħhom, irċievew. Mill-provi prodotti, jirriżulta li l-ammont ta' kera li kellu jkun pagabbli mill-inkwilini jammonta kumplessivament għal madwar €10,550.

36. Għalhekk il-kumpens pekunjarju li huwa mistħoqq mir-rikorrenti jammonta għal €49,078.

37. Fir-rigward tal-kumpens għall-ħsarat non-pekunjarji, jingħad li skont ġurisprudenza kostanti din il-forma ta' kumpens ma tintiritx. Billi Rosaria Schembri mietet fil-bidu tas-sena 2016, u kien biss minn dakinhar li r-rikorrenti ġarrbu l-vjolazzjoni *de proprio*, il-Qorti jidhrilha li ż-żmien qasir li għadda bejn dakinhar u bejn l-introduzzjoni tal-artikolu 12B fl-Ordinanza ma jwassalx għall-ħtieġa li r-rikorrenti jirċievu din ix-xorta ta' kumpens ukoll.

38. Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq premessi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat sa fejn huma inkonsistenti ma' dak deċiż f'din is-sentenza;

(ii) tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet billi tiddikjara u tiddeċiedi illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta b'rabta mal-fond bin-numru tlieta (3) bl-isem «Redeemer» fi Triq Gianmari Dalli f'Għaxaq ir-rikorrenti u qabilhom Rosaria Schembri soffrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-

Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għall-perijodu ndikat f'din is-sentenza;

(iii) tilqa' t-tielet talba;

(iv) tilqa' r-raba' talba billi tillikwida l-kumpens sħiħ pagabbli lir-rikorrenti mill-intimat Avukat tal-Istat fis-somma ta' disgħa u erbgħin elf u tmienja u sebgħin Ewro (€49,078);

(v) tilqa' wkoll il-ħames talba u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas din is-somma lir-rikorrenti, bl-imgħax legali dekorribbli mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

(vi) tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Rosemarie Calleja
Deputat Reġistratur